DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 63/2011

tal-1 ta' Lulju 2011

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 115/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummisjoni (UE) Nru 1142/2010 tas-7 ta' Diċembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1266/2007 fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżuri tranżizzjonali li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni ta' ċerti annimali mill-projbizzjoni fuq il-ħruġ stipulata fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ([2]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/591/UE tal-1 ta' Ottubru 2010 li tawtorizza lil laboratorju fir-Russja jwettaq testijiet seroloġiċi biex jissorvelja l-effettività tat-tilqim tar-rabbja ([3]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/91/UE tal-10 ta' Frar 2011 li tawtorizza lil laboratorju fir-Repubblika tal-Korea jwettaq testijiet seroloġiċi biex jissorvelja l-effettività tat-tilqim tar-rabbja ([4]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(5) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għall-Islanda u għal-Liechtenstein,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 40 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007) fil-Parti 3.2:

"— **32010 R 1142**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1142/2010 tas-7 ta' Diċembru 2010 (ĠU L 322, 8.12.2010, p. 20)."

2. Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 94 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE) fil-Parti 4.2:

"95. **32010 D 0591**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/591/UE tal-1 ta' Ottubru 2010 li tawtorizza lil laboratorju fir-Russja jwettaq testijiet seroloġiċi biex jissorvelja l-effettività tat-tilqim tar-rabbja (ĠU L 260, 2.10.2010, p. 21).

Dan l-att m'għandux japplika għall-Iżlanda.

96. **32011 D 0091**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/91/UE tal-10 ta' Frar 2011 li tawtorizza lil laboratorju fir-Repubblika tal-Korea jwettaq testijiet seroloġiċi biex jissorvelja l-effettività tat-tilqim tar-rabbja (ĠU L 37, 11.2.2011, p. 18).

Dan l-att m'għandux japplika għall-Islanda."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 1142/2010 u tad-Deċiżjonijiet 2010/591/UE u 2011/91/UE fil-lingwa Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Lulju 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

([1]) ĠU L 58, 3.3.2011, p. 69.
([2]) ĠU L 322, 8.12.2010, p. 20.
([3]) ĠU L 260, 2.10.2010, p. 21.
([4]) ĠU L 37, 11.2.2011, p. 18.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.